MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**RAYMOND C. PACE**

Seduta tal-31 ta' Mejju, 2005

Citazzjoni Numru. 1251/1989/1

**A**

**vs**

**B**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Rat ic-citazzjoni attrici datata 14 ta' Dicembru 1989 a fol. 1 tal-process fejn gie premess:-

Illi l-hajja konjugali bejn il-kontendenti konjugi A m'ghadhiex aktar possibbli minhabba sevizzi, eccessi, minacci u ngurji gravi *da parte* tal-konvenut;

Illi l-attrici giet debitament awtorizzata illi tipprezenta din l-istanza permezz ta' digriet f'dan is-sens moghti mis-

Sekond’Awla tal-Qorti Civili fit-12 ta’ Lulju 1989, numru 602/89 (Dok. “A”);

Illi ghalhekk, l-istess attrici talbet lil din il-Qorti sabiex:-

1. Tiddikjara u tippronunzja s-separazzjoni personali *a mensa et thoro* bejn il-kontendenti ghal ragunijiet imputabbli lill-konvenut;

2. Tawtorizza lill-attrici illi tghix separat mill-konvenut, zewgha;

3. Tordna illi l-kura u l-kustodja tat-tfal minuri, Darlene, Fabio u Karl, ahwa A, tigi fdata lill-attrici, salv l-access tal-konvenut fil-granet u hinijiet stabbiliti mill-Qorti;

4. Tikkundanna lill-konvenut sabiex ihallas lill-attrici, zewgha, ghaliha u ghall-imsemmija uliedha minuri, dik ir-retta alimentarja xierqa u adegwata illi tigi ffissata mill-istess Qorti skond il-mezzi tal-konvenut u l-bzonnijiet ta’ l-attrici;

5. Tapplika interament jew in parti tad-dispozizzjonijiet ta’ l- **artikolu 56, 58 u 64 (1) tal-Kodici Civili (Kap 23)** u separatament tordna illi l-attrici tigi moghtija l-pjena amministrazzjoni tal-beni parafernali taghha;

6. Tiddikjara xolta l-komunjoni ta’ l-akkwisti ezistenti bejn il-kontendenti u tordna li l-istess oggetti formanti parti mill-komunjoni ta’ l-akkwisti jigu maqsuma f’zewg porzjonijiet illi jigu assenjati wahda lill-attrici u l-ohra lill-istess konvenut, billi *occorrendo* ghall-finijiet ta’ din it-talba, jigi nominat perit biex jaghmel il-likwidazzjoni mitluba u jipproponi pjan ta’ divizjoni, nutar sabiex jircievi l-att relattiv u kuratur biex jirrapprezenta lill-eventwali kontumacja fuq l-istess att;

7. Tikkundanna lill-konvenut jikkonsenja lill-attrici l-beni kollha dotali u parafernali taghha.

Bl-ispejjez komprizi dawk inkorsi fil-proceduri quddiem is-Sekond' Awla ta' din il-Qorti, kontra l-konvenut li hu ngunt ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni attrici a fol. 3 tal-process;

Rat il-lista ta' xhieda u d-dokumenti esebiti a fol. 4 sa 7 tal-process;

Rat in-nota ta' l-eccezjonjiet tal-konvenut datata 1 ta' Frar 1990 a fol. 13 tal-process fejn eccepixxa:-

1. Illi l-allegazzjonijiet li z-zwieg bejn il-partijiet thassar minhabba ragunijiet imputabbli lill-eccipjenti huma bla bazi legali u fattwali u dan *stante* li kienet fil-fatt l-attrici li abbandunat id-dar konjugali u *nonostante,* kif ser jigi pruvat fit-trattazzjoni, l-konvenut ried u ghadu jrid li din tigi lura d-dar bl-ulied minuri, hija ghadha tirrifjuta;

2. Illi kwantu ghat-talbiet attrici kif dedotti, l-eccipjent ma jsib ebda oggezzjoni li dawn jigu milqugha *purche* ma tigix lilu akkolata l-htija ghas-separazzjoni, l-manteniment li jigi ffissat ikun gust u xieraq u jinghata access ghal uliedu;

3. Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat id-dikjarazzjoni tal-konvenut a fol. 13 tal-process;

Rat il-verbali tas-seduti mizmuma minn din il-Qorti kif diversament presjeduta mill-Onorevoli Mhallef Franco Depasquale tat-23 ta' Frar 1990 u 2 ta' Mejju 1990;

Rat ir-rikors tal-konvenut ta' l-20 ta' Gunju 1990 fejn talab lill-Qorti sabiex tvarja l-manteniment li hu obbligat ihallas;

Rat id-digriet ta' l-20 ta' Lulju 1990 fejn il-Qorti rrivediet il-manteniment pagabbli lill-minuri u rriducietu ghal sittin lira Maltija (Lm60) kull xahar u kkonfermat il-bqija tad-digriet tas-Sekond'Awla;

Rat ir-rikors ulterjuri tal-konvenut ta’ l-1 ta’ Awissu 1990 fejn rega’ talab lill-Qorti sabiex tvarja l-manteniment dovut minnu ghal uliedu;

Rat id-digriet tas-27 ta’ Awissu 1990 fejn il-Qorti rrevokat *contrario imperio* d-digriet ta’ l-20 ta’ Lulju 1990 u ffissat retta alimentari ta’ sittin lira Maltija fix-xahar ghall-attrici u hamsa u tletin lira Maltija (Lm35) fix-xahar ghall-minuri Karl, filwaqt li ghall-ulied l-ohra il-Qorti ma ffissat ebda retta alimentari;

Rat ir-rikors ta’ l-attrici tat-3 ta’ Ottubru 1990 fejn talbet lill-Qorti sabiex tirrevoka *contrario imperio* d-digriet taghha u tiffissa retta alimentari gdida;

Rat il-verbali tas-seduti tad-19 ta’ Ottubru 1990 fejn gie mahtur Dr. Simon Micallef Stafrace bhala Perit Legali u ordnat li l-ewwel jigu migbura l-provi rigwardanti l-kwistjoni tal-manteniment; tal-11 ta’ Dicembru 1990; u tad-29 ta’ Jannar 1991 fejn xehdu l-attrici (a fol. 38), bint il-kontendenti (a fol. 40) u l-konvenut (a fol. 41) u fejn regghet xehdet l-attrici (a fol. 44); il-Qorti hekk diversament presjeduta rrizervat li tipprovdi kameralment fuq ir-rikors tat-3 ta’ Ottubru 1990;

Rat in-nota tal-konvenut tat-13 ta’ Frar 1991;

Rat id-digriet tal-25 ta’ Frar 1991 fejn il-Qorti ffissat manteniment ta’ sebghin lira Maltija (Lm70) fix-xahar ghall-attrici u erbghin lira Maltija (Lm40) ghall-minuri, Karl fix-xahar;

Rat in-nota ta’ l-attrici tas-7 ta’ Marzu 1991 fejn permezz taghha pprezentat l-affidavit taghha stess (a fol. 52);

Rat il-verbali tas-seduti datati 12 ta’ Marzu 1991 u tas-7 ta’ Mejju 1991;

Rat in-nota tal-konvenut ta’ l-4 ta’ Gunju 1991 li permezz taghha pprezenta l-affidavit tieghu stess (a fol. 64);

Rat il-verbali tat-23 ta' Ottubru 1991; tas-7 ta' Jannar 1992; tas-17 ta' Marzu 1992; tas-27 ta' Mejju 2002 fejn l-inkarigu tal-Perit Legali gie revokat u gie sostitwit b'Dr. Yana Micallef Stafrace; u ta' l-24 ta' Novembru 1992;

Rat in-nota ta' l-attrici tat-3 ta' Dicembru 1992 fejn permezz taghha pprezentat l-affidavit ta' bintha **Darleen A**;

Rat il-verbal tat-23 ta' Frar 1993;

Rat ir-rikors tal-11 ta' Marzu 1993 ta' l-attrici fejn talbet lill-Qorti sabiex ir-retta alimentari dovuta lilha tigi mnaqqsa direttament mill-paga tal-konvenut;

Rat id-digriet ta' l-4 ta' Awissu 1993 fejn il-Qorti laqghet it-talba;

Rat il-verbal ta' l-14 ta' Mejju 1993; tad-19 ta' Ottubru 1993; 14 ta' Jannar 1994; tat-23 ta' Marzu 1994; tal-25 ta' Mejju 1994 fejn Dr. Stephen Thake informa lill-Qorti li kien hemm kawza pendenti bejn il-kontendenti dwar bejgh ta' propjeta` li nbieghet wara l-hrug ta' mandat ta' inibizzjoni numru 470A; tas-26 ta' Ottubru 1994; tat-18 ta' Jannar 1995 fejn l-attrici giet ordnata li tipprezenta il-prospett dwar il-propjeta`; tat-22 ta' Marzu 1995 fejn l-attrici naqset li tottempera ruhha mad-digriet fil-verbal tat-18 ta' Jannar 1995 u giet ordnata li tiddepozita tmenin lira Maltija (Lm80) fir-Registru tal-Qorti bhala depozitu ghall-hlas tal-perizja; tat-2 ta' Mejju 1995; tas-17 ta' Mejju 1995; u tat-30 ta' Mejju 1995 fejn Dr. Thake impenja ruhu li javvanza d-depozitu lill-Perit Legali;

Rat in-nota tal-Perit Legali tas-16 ta' Ottubru 1995;

Rat il-verbal tas-seduta ta' l-1 ta' Novembru 1995; tal-31 ta' Jannar 1995; tat-30 ta' April 1996; tal-25 ta' Gunju 1996; tat-30 ta' Ottubru 1996; u tat-13 ta' Novembru 1996;

Rat is-seduti u x-xhieda migbura quddiem il-Perit Legali;

Rat il-verbal tas-seduta ta' l-4 ta' Dicembru 1996;

Rat ir-rapport tal-Perit Legali datat 13 ta' Novembru 1996;

Rat il-verbal tas-seduta tal-5 ta' Marzu 1997 fejn il-Perit Legali kkonfermat ir-rapport taghha;
Rat ir-rikors ta' l-attrici tal-25 ta' Marzu 1997 fejn talbet lill-Qorti sabiex tillikwida mill-gdid il-manteniment;

Rat id-digriet tat-13 ta' Mejju 1997 fejn il-Qorti rrizervat li tipprovdi wara li ssir it-trattazzjoni;

Rat il-verbal tas-seduta tas-7 ta' Mejju 1997; tat-18 ta' Gunju 1997; tad-29 ta' Ottubru 1997; tat-3 ta' Dicembru 1997; tal-11 ta' Marzu 1998; tas-6 ta' Mejju 1998 fejn xehdu **Joseph Caruana** (a fol. 260) u l-**konvenut** (a fol. 262); ta' l-1 ta' Lulju 1998 fejn Dr. Thake informa lill-Qorti li l-kawza l-ohra rigwardanti bejgh ta' propjeta` giet deciza fil-11 ta' Mejju 1998 u li l-konvenut se jappella minnha u xehed **Joseph Caruana** (a fol. 268);

Rat ir-rikors ta' l-attrici tat-18 ta' Settembru 1998 fejn talbet lill-Qorti li tillikwida mill-gdid il-manteniment dovut lilha mill-konvenut u tirrevoka *contrario imperio* d-digriet taghha tat-28 ta' Awissu 2004;

Rat il-verbal ta' l-10 ta' Marzu 1999 fejn dikjarat li ikun iktar opportun li tigi deciza l-kawza pendenti quddiem l-appell qabel ma din il-kawza tigi differita ghas-sentenza u xehed il-**konvenut** (a fol. 275);

Rat id-digriet tad-19 ta' April 1999 (a fol. 217) fejn il-Qorti laqghet it-talba ta' l-attrici tar-rikorsi taghha tal-25 ta' Marzu 1997 u 18 ta' Settembru 1998 u ffissat manteniment ta' mija u tletin lira Maltija (Lm130) fix-xahar ghall-attrici u li dan l-ammont ghandu jithallas direttament mill-*employer* tal-konvenut;

Rat il-verbal tat-2 ta' Gunju 1999; ta' l-20 ta' Ottubru 1999; tas-26 ta' Jannar 2000; tat-8 ta' Marzu 2000; tal-31 ta' Mejju 2000; tas-7 ta' Lulju 2000; tad-29 ta' Novembru 2000 fejn il-Qorti giet infurmata li l-kawza l-ohra quddiem il-Qorti ta' l-Appell gie differita *Sine Die*; tat-28 ta' Frar

2001; tad-19 ta’ April 2001; ta’ l-4 ta’ Lulju 2001 fejn il-Qorti giet infurmata li l-kawza l-ohra giet dikjarata dezerta u l-konvenut gie awtorizzat li jipprezenta affidavit ulterjuri; ta’ l-4 ta’ Lulju 2001; tal-5 ta’ Ottubru 2001; tal-31 ta’ Ottubru 2001; tat-30 ta’ Novembru 2001 fejn id-difensuri tal-partijiet qablu li se jipprezentaw kawza biex jattakkaw il-liberazzjoni tad-dar matrimonjali lil terzi; tat-23 ta’ Jannar 2002; ta’ l-20 ta’ Marzu 2002; ta’ l-24 ta’ April 2002 ; tas-26 ta’ Gunju 2002; tat-30 ta’ Ottubru 2002; tal-5 ta’ Novembru 2002; u tas-26 ta’ Novembru 2002 fejn il-Qorti giet infurmata li ma kienx sar ftehim rigward il-kawza ta’ rexizzjoni tal-kuntratt ta’ bejgh tad-dar matrimonjali u l-kawza giet differita ghas-sentenza ghall-21 ta’ Jannar 2003;

Rat ir-rikors ta’ l-attrici tal-11 ta’ Dicembru 2002 fejn talbet lill-Qorti sabiex tissospendi il-prolazzjoni tas-sentenza;

Rat id-digriet tat-30 ta’ Dicembru 2002 fejn il-Qorti laqghet it-talba;

Rat il-verbal tal-21 ta’ Jannar 2003 fejn il-Qorti giet infurmata li l-konvenut mhux qed juri nteress li jiftah il-kawza l-ohra u l-attrici m’hijiex f’pozizzjoni li tiftaha wahedha;

Rat il-verbal tas-seduta mizmuma quddiem din il-Qorti kif prezentement presjeduta tas-27 ta’ Marzu 2003; u tad-19 ta’ Gunju 2003;

Rat ir-rikors ta’ l-attrici ta’ l-10 ta’ April fejn talbet li tipproduci zewg xhieda ohra;

Rat ir-rikors ta’ l-attrici tas-27 ta’ Ottubru 2003 fejn talbet lill-Qorti li r-rikors taghha ta’ l-10 ta’ April 2003 jigi notifikat lill-konvenut wara l-hinijiet legali;

Rat id-digriet tat-28 ta’ Ottubru 2003 fejn il-Qorti laqghet it-talba;

Rat il-verbal tat-30 ta’ Ottubru 2003 fejn il-Qorti rrevokat *contrario imperio* d-digriet tal-11 ta’ April 2003 u laqghet it-

talba fir-rikors ta' l-10 ta' April 2003; il-Qorti nnominat lil Dr. Kenneth Gulia bhala Assistent Gudizzjarju sabiex jiffissa seduta wahda ghall-konkluzjoni tal-provi;

Rat il-verbal ta' l-14 ta' Jannar 2004; tat-3 ta' Marzu 2004; tat-13 ta' Mejju 2004; tas-26 ta' Ottubru 2004; tat-8 ta' Marzu 2005 fejn il-kawza giet differita ghas-sentenza *in difetto ostacolo* ghall-31 ta' Mejju 2005 bil-fakolta` lill-partijiet li jipprezentaw noti ta' l-osservazzjonijiet;

Rat l-atti kollha tal-kawza Citaz. Numru 386/92/AM fl-ismijiet "A vs B (Citaz. Numru 386/92/AM.

Rat ix-xhieda kollha prodotta;

Rat id-dokumenti esebiti;

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

## **<u>II. KONSIDERAZZJONIJIET.</u>**

Illi l-attrici xehdet permezz ta' affidavit. Hija xehdet kif l-ragel kien dejjem duttur u li kwazi minn dejjem kien hemm problemi ta' flus. Kemm qabel kif ukoll wara z-zwieg il-konvenut kien iffissa fi flus u gid missier l-attrici u hi kienet oggezzjonat ghal dan ghax dehrilha li l-konvenut kien jaf lilha u mhux lil missierha. Kien ukoll gieli sawwatha u kien jixrob. Dawn kienu problemi matul ir-relazzjoni taghhom kollha tant li kien hemm diversi xenati fejn kultant kienu nvoluti it-tfal u familjari tal-konvenut.

Illi fuq il-kwistjoni ta' flus, kien missierha li bnielha d-dar u hallsu kwazi ghal kollox li kien hemm go fiha. Izda kien iffirma kollox hu meta ma kienx hareg il-flus. Dan gara ukoll fil-karozza li kien xtralhom.

Illi kien hemm ukoll problemi sabiex ihallas il-kontijiet u dejjem kien hemm problemi biex ihallas id-dejn li kellu. Kien jiehu l-flus li kienet kostretta tahbi u jiehu l-flus tat-tfal. Illi hija tixhed li darba b'qerq il-konvenut kien geghlha

tiffirma sabiex tkun garanti tieghu u kellha b'hekk problemi mal-bank.

Illi dan l-inkwiet kollu spicca biex kellu effett ukoll fuq is-sahha taghha. Kien hemm ukoll okkazjonijiet meta kellha taghmel attijiet sesswali mieghu kontra l-volonta` taghha.

Illi xehdet ukoll illi t-tfal Darlene u Karl kienu joqghodu maghha filwaqt li Fabio kien jghix ma' missieru. Hi kienet tirrisjedi go Devonshire House, Flat 2, Pioneer Road, Bugibba, propjeta` ta' missierha. Id-dar konjugali, Bright House, Triq il-Hanlewija N'Hood 2, Sta. Lucia, kienet okkupata mill-konvenut.

Illi t-tifrik taz-zwieg gie minhabba l-fatt li l-konvenut kien mohhu fi flus il-genituri taghha, kien jixrob u jerfa' jdejh.

Illi l-attrici xehdet u ghamlet rikorsi rigwardanti l-manteniment u rigwardanti dejn tal-komunjoni. Dawn ser jigu trattati aktar 'l quddiem f'sezzjoni ohra.

Illi l-attrici ukoll semmiet fix-xhieda taghha tal-15 ta' Frar 1993, li ser tesebixxi affidavit ulterjuri li izda qatt ma gie esebit.

Illi l-konvenut xehed preliminarjament permezz ta' affidavit li hareg in risposta ghal dan ta' l-attrici. Hu allega li kwazi dak kollu li qalet l-attrici kien gideb. Hu qal li l-istat mentali ta' l-attrici ghandu jigi nvestigat. Elenka l-problemi msemmija mill-attrici bhal sokor, dejn, sess u nuqqas ta' hsieb fid-dar.

Illi rigwardanti sokor, jghid li veru kien jixrob mal-hbieb izda qatt ma kellhom bzonn iwassluh id-dar u jekk fl-ahhar kien beda` jixrob iktar kien tort nuqqasijiet da parti ta' l-attrici.

Illi rigwardanti dejn, id-dejn li kellu kwazi thallas kollu u dan bla ghajnuna minghand martu.

Illi rigwardanti sess, jahseb li kien l-ikbar kagun tal-falliment taz-zwieg peress li mill-bidu nett il-mara kienet ostili ghas-sess.

Illi f'xi 1980 il-mara bdiet tattendi hafna laqghat ta' natura religjuza u hu kien oggezzjona ghal dan peress li kienet qed tittraskura l-familja. Kellha ukoll familjarita` zejda ma' diversi qassisin.

Illi t-tfal kienu ddominati minn ommhom u kien vittma tas-swat mentali taghha ghalkemm xi darba ukoll ghamlet ghalih.

Illi dwar nuqqasijiet lejn il-familja, hu kien u ghadu dejjem jahdem ghall-familja, barra l-impjieg regolari dejjem kien jaghmel xoghol iehor u hu kien itiha parti sostanzjali mill-qligh. It-tfal kien jaghti kashom ukoll anke wara li beda` jghix wahdu. Minn mindu mhux prezenti kontinwalment f'hajjithom qed jaghmlu ta' rashom. Kienet il-mara li falliet fid-doveri taghha lejn il-familja.

Illi rigwardanti ilmenti ohra, mhux veru li l-attrici kienet spiccat dejjem thallas ghad-*drinks* taghha, id-dejn ma' missierha kien garanzija fuq *overdraft,* glied fl-gherusija ma kienx hemm hlief li kien jaraha wisq skjava tal-genituri li qatt ma kellhom grazzja mieghu.

Illi rigwardanti flus tal-genituri, il-vera kwistjoni kienet li l-genituri kienu jippreferu lil huha Henry u l-attrici qatt ma kienet taccetta dan.

Illi rigwardanti s-swat, hu refa' jdejh fuqha mhux iktar minn hames darbiet.

Illi rigwardanti l-hrug mal-hbieb, dan gara biss wara li l-mara kienet bdiet tokkupa ruhha b'hafna affarijiet barra mid-dar kif diga` nghad.

Illi rigwardanti l-'ingann' rigwardanti l-garanzija li ghamlitlu l-mara l-bank, il-mara kien fehemha l-avukat tieghu dwar x'kienet qed tiffirma u wara ffirmat. Kien itiha dejjem il-flus

ghall-hajja. Il-mara telqet mid-dar wara glieda izda hu haseb li kienet xi haga temporanja.

Illi ghalkemm il-konvenut qal li ser jaghtu spjegazzjonijiet ulterjuri lill-Qorti, fil-fatt hu kemm xehed quddiem il-Perit Legali li ser joqghod fuq dan li inghad fl-affidavit.

Illi bint il-kontendenti **Darleen A**, xehdet li kienet ilha mill-1989 toqghod ma’ ommha u huha Bugibba, flimkien man-nannu Paul Montanaro. Huha Fabio, jghix ma’ missierhom. Ommha telqet mid-dar konjugali wara glieda.

Illi lil missierha dejjem tafu bid-dejn u ssemmi elenku ta’ djun. Kien isawwat lil ommha diversi drabi quddiemha. Kien spiss jigi d-dar fis-sakra u tisimghu jghajjat u jghid kliem hazin. Meta kienet tahbi xi flus id-dar kien isibhom u johodhom. Gieli rat f’idejh karti ta’ mhatri. Huma dejjem bil-biza` fuqhom ghax ma jafux x’ser jigri. Kawza ta’ dan kollu ommha kellha tensjoni kbira u kienet ikkalmat wara li bdiet tmur ghall-*prayer meetings.*

Illi missier l-attrici xehed li hu kien hareg il-flus ghall-bini u *finishing* tad-dar konjugali, Brighthouse, Triq il-Hannewija N’Hood 2, Sta Lucia. Dan sar qabel iz-zwieg. Kien prezenti meta r-ragel tat-tifla ha disghin lira Maltija (Lm90) hlas ta’ appogg. Mar ghand nutar fejn hareg il-flus hu izda ffirma B. Kien hemm incident fejn B refa’ jdejh fuq l-attrici quddiemu. Ra d-Dok. “ST1” sa “ST42” u kkonferma li dawn kienu avvanzi maghmula minnu lill-attrici jew lill-konvenut.

Illi jinghad li l-partijiet xehdu *in estenso* dwar (kif jifhmu huma) kif iddegenera z-zwieg taghhom. It-tnejn jaghtu t-tort kollu lill-iehor bid-differenza pero` li filwaqt li l-verzjoni tal-fatti rigwardanti l-istat taz-zwieg ta’ l-attrici giet ikkonfermat bix-xhieda ta’ bintha, Darlene A u Paul Montanaro, l-konvenut qal li se jgib hafna provi ulterjuri dwar iz-zwieg fi stadju ulterjuri u mbaghad ma ghamel xejn minn dan kollu. *Inoltre* allega hafna affarijiet fuq l-istat mentali ta’ martu izda ma hax passi konkreti biex

jipprova dan *tramite,* per ezempju, it-talba ghal nomina ta’ Perit Psikjatra.

Illi din il-Qorti wara li ezaminat bir-reqqa kollha dovuta l-provi kollha prodotti, li succint taghha gie riprodott ukoll f’din is-sentenza, thoss li f’dan l-istat ta’ xhieda u provi prodotti quddiem mill-kumpless tal-provi jirrizulta li l-allegazzjonijiet attrici fil-konfront ta’ zewgha gew ilkoll ipprovati u fil-fatt ix-xhieda taghha hija korroborata bi-xhieda ta’ bint il-kontendenti stess li tixhed kif missierha kien dejjem bid-dejn, kien ikun ukoll diversi drabi fis-sakra, u kien refa’ idejh kemm-il darba, haga li tirrizulta anke mix-xhieda tieghu ghalkem jghid li kienu ftit id-drabi li ghamel dan, u dan kollu jwassal sabiex din il-Qorti taccetta bhala ppruvata it-tezi attrici.  Jigi wkoll rilevat li minkejja li din il-kawza ilha dan iz-zmien kollu pendenti l-Qorti u minkejja li l-konvenut sostna u qal diversi drabi li kien ser jipprovdi xhieda sabiex jikkontradixxi dak li xehdet l-attrici u bintu dan baqa’ snin wara ma ghamlux; anzi jidher li zied l-aggravji tieghu anke meta allega li martu m’hijiex stabbli mentalment u dan bla ma gab l-ebda prova, b’dan ghalhekk li ovvjament jigi li ngurja gravament lill-attrici anke f’dawn il-proceduri.

Illi ghalhekk din il-Qorti taqbel ma’ dak li rrelatat il-perit legali fir-relazzjoni taghha li rigwardanti l-ewwel talba, hemm provi bizzejjed rigwardanti d-dejn, swat, sakra u mohqrijiet varji li l-konvenut kien jinfliggi fuq l-attrici u fuq it-tfal taghhom u dawn jammontaw ghal eccessi, sevizzi u minacci u ngurji gravi tal-konvenut versu l-attrici u b’hekk ir-ragunijiet ghal din is-separazzjoni huma unikament imputabbli lill-konvenut.

Illi rigwardanti t-tieni talba ssegwi li l-attrici ghandha tkun awtorizzata tghix ghal rasha.

Illi rigwardanti t-tielet talba, din il-Qorti tastjeni milli tiehu konjizzjoni ta’ l-istess *stante* li ulied il-kontendenti huma llum lkoll maggorenni.

Illi dwar manteniment da parta tal-konvenut lill-attirci u abbazi tax-xhieda ta’ Joseph Caruana moghtija fit-2 ta’

Frar 2004 jirrizulta li l-konvenut jahdem bhala *Assistant Principal* fid-Dipartiment tat-Tezor il-Floriana u skond ix-xhieda ta’ Emanuela Bezzina fit-12 ta’ Novembru 2004 kellhu jsir *Principal* bi skala ta’ paga numru 10 anke skond il-Ftehim Kollettiv vigenti u ghalhekk il-paga tieghu gross minn sitt elef, tlett mija u hamsin lira Maltija (Lm6,350) ghas-sena 2003 kellha ssir ta’ sitt elef, erba’ mija u sitta u sittin lira Maltija (Lm6,466) fis-sena 2004. Din kellha titla’ wkoll skond ix-xhieda ta’ Emanuela Bezzina moghtija fis-seduta quddiem l-Assistent Gudizzjjarju Dr. Kenneth Gulia fis-16 ta’ Frar 2004. Illi *in vista* ta’ dan din il-Qorti thoss li fic-cirkostanzi l-istess konvenut ghandu jhallas bhala manteniment lill-martu, l-ammont ta’ mija u erbghin lira Maltija (Lm140) mensilment lill-attrici, pagabbli kull xahar bil-quddiem, fir-residenza ta’ l-attrici, liema paga ghandha titnaqqas direttament mill-paga tal-konvenut mill-*employer* tieghu u tintbaghat direttament lill-attrici fir-residenza attwali taghha;

Illi ghaz-zmien meta l-istess konvenut jirtira u jispicca mill-impjieg tieghu mal-gvern din il-Qorti tordna li l-attrici tigi assenjata nofs kull somma li l-istess konvenut jircievi bhala *gratuity* jew *commuted pension* kif spjegat mix-xhieda ta’ l-istess Emanuela Bezzina u wkoll ir-rata ta’ hamsa u tletin fil-mija (35%) minn kull pensjoni li l-istess konvenut jircievi konsegwenti ghat-terminazzjoni ta’ l-impjieg tieghu liema somom u rati ghandhom ukoll jinqatghu direttament minn dak pagabbli lill-konvenut mill-Awtorijiet kompetenti u jinbaghatu direttament lill-attrici fir-residenza taghha u ghal dan l-iskop tordna li kopja legali ta’ din is-sentenza tigi notifikata a spejjez attrici wkoll lill-Awtoritajiet kompetenti minn fejn eventwalment isiru tali hlasijiet.

Illi dwar il-hames talba din il-Qorti thoss li ghandhom jigu applikati kontra l-konvenut id-dispozizzjonijiet ta’ l-**artikolu 48 tal-Kap 16 interament.**

Illi dwar il-komunjoni ta’ l-akkwisti din il-Qorti thoss li it-talba ghax-xoljiment ta’ l-istess ghandha tigi milqugha, u peress li jidher ukoll minn diversi verbali li d-dar matrimonjali lanqas ghadha tappartjeni lil xi parti anke *in*

*vista* ta’ dak indikat fil-verbal tal-5 ta’ Ottubru 2001, din il-Qorti thoss li mill-provi prodotti ma hemm xejn illum li ghandu jigi likwidat u diviz, b’dan li kull parti ghandha zzomm u qed tigi assenjata dawk il-mobbli li effettivament jinsabu fil-pussess rispettiv tal-mara jew tar-ragel.

## III. KONKLUZJONI.

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta’ u tiddeciedi,** billi filwaqt li tichad l-eccezzjonijiet tal-konvenut, u **tastjeni milli tiehu konjizzjoni tat-tielet talba *stante* li ulied il-kontendenti huma llum maggoreni, u filwaqt li tichad is-seba’ talba attrici, tilqa’ t-talbiet attrici l-ohra biss fis-sens hawn deciz** b’dan illi:-

1. Tiddikjara u tippronunzja s-separazzjoni personali *a mensa et thoro* bejn il-kontendenti ghal ragunijiet imputabbli lill-konvenut konsistenti f’sevizzi, eccessi, minacci u ingurji gravi li kawza ta’ l-istess iz-zwieg bejn il-kontendenti tkissret irrimedjabbilment;

2. Tawtorizza lill-attrici illi tghix separata mill-konvenut, zewgha;

3. Tastjeni milli tiehu konjizzjoni tat-tielet talba peress li illum l-istess ulied il-kontendenti huma kollha maggorenni;

4. Tilqa’ din it-talba limitatament ghall-manteniment ghall-attrici peress li kif inghad ulied il-kontendenti huma llum maggorenni. Illi ghalhekk din il-Qorti tikkundanna lill-konvenut sabiex ihallas lill-attrici bhala manteniment ghaliha bhala martu, l-ammont ta’ mija u erbghin lira Maltija (Lm140) mensilment, pagabbli kull xahar bil-quddiem, fir-residenza ta’ l-attrici, liema paga ghandha titnaqqas direttament mill-paga tal-konvenut mill-*employer* attwali tieghu u tintbaghat direttament lill-attrici fir-residenza attwali taghha;

Illi ghaz-zmien meta l-istess konvenut jirtira u jispicca mill-impjieg tieghu mal-Gvern din il-Qorti tordna li l-attrici tigi assenjata nofs kull somma li l-istess konvenut jircievi

bhala *gratuity* jew *commuted pension* kif spjegat mix-xhieda ta' Emanuela Bezzina, *Principal* fid-Dipartiment tat-Tezor, Floriana u wkoll r-rata ta' hamsa u tlettin fil-mija (35%) minn kull pensjoni jew pagament jew introjtu li l-istess konvenut jircievi konsegwenti ghall-terminazzjoni u/jew irtirat mill-impjieg tieghu liema somom u rati ghandhom ukoll jinqatghu direttament minn dak pagabbli lill-konvenut mill-Awtorijiet kompetenti u jinbaghatu direttament lill-attrici fir-residenza taghha u ghal dan l-iskop tordna li kopja legali ta' din is-sentenza tigi notifikata a spejjez attrici lill-*employer* tal-konvenut u *occorendo* wkoll lill-Awtoritajiet kompetenti minn fejn eventwalment jsiru tali hlasijiet sabiex l-istess Awtoritajiet jaderixxu ruhhom ma' din id-deczjoni.

5. Tilqa' din it-talba u tapplika kontra l-konvenut id-dispozizzjonijiet ta' l-**artikolu 48 tal-Kap 16** u separatament tordna illi l-attrici tigi moghtija l-pjena amministrazzjoni tal-beni parafernali taghha;

6. Tiddikjara xolta l-komunjoni ta' l-akkwisti ezistenti bejn il-kontendenti u din il-Qorti thoss li mill-provi prodotti ma hemm xejn illum li jista' jigi likwidat u diviz, b'dan ghalhekk li ghal kull effett u buon fini tal-ligi jigi ddikjarat li kull parti ghandha izomm u qed tigi assenjata dawk il-mobbli li effettivament jinsabu fil-pussess rispettiv tal-mara jew tar-ragel;

7. Tichad din it-talba *stante* nuqqas ta' provi.

Bl-ispejjez komprizi dawk inkorsi fil-proceduri quddiem is-Sekond' Awla ta' din il-Qorti, kontra l-konvenut.

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM--------------------------------